MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 1012/2007

**Pauline Vella Moran (ID694431M) armla minn Louis Vella**

**vs**

**Paul Abela (ID461082M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors mahluf mir-rikorrenti u pprezentat fl-1 t'Ottubru 2007 fejn gie premess:

Illi l-attrici hija proprjetarja ta' nofs indiviz tal-fond 8, Triq Guzeppe D'Arena, Ghaxaq, u uzufruttwarja tan-nofs indiviz l-iehor li kien proprjeta' tal-mejjet zewgha Louis Vella;

Illi bis-sahha ta' skrittura ta' l-20 ta' Jannar, 2006, redattata minn Nutar Pierre Cassar, kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument A, hija

kkoncediet lill-konvenut, biex jorqod fil-fond imsemmi minghajr ebda titolu ta' okkupazzjoni fuq il-fond u meta trid l-istess fond, huwa ghandu jizgombra;

Illi b'ittra tat-13 ta' April 2007 li kopja taghha qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument B, il-Konsulent legali tal-mittenti, nforma lill-intimat Paul Abela, illi huwa ghandu jizgombra mill-fond sa mhux iktar tard mill-1 ta' Gunju, 2007;

Illi minkejja dan, l-intimat ma telaqx mill-fond u b'ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2007, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala dokument C, huwa gie mitlub biex jizgombra mill-istess fond, gja la darba huwa m'ghandu l-ebda titolu ghall-istess fond;

Illi l-konvenut Paul Abela minkejja li huwa ma jgawdi ebda titolu kwalsiasi fuq l-istess fond, qed jirrifjuta li jikkonsenja l-istess cavetta u ghalhekk il-fond innifisu lill-attrici;

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan ir-rikors jigi deciz bid-dispensa tas-smigh billi l-konvenut m'ghandu ebda eccezzjoni valida fil-ligi xi jressaq kontra t-talba tal-attrici ghall-konsenja minnu lilha tac-cavetta u l-pussess battal tal-imsemmi fond 8, Triq Guzeppi D'Arena, Ghaxaq.

Illi l-attrici taf personahnent il-fatti ghal dak li jirrigwarda dak kollu premess. Dwar dan jistriehu wkoll fuq ix-xhieda ta' dawk il-persuni kollha indikati fil-lista tax-xhieda annessa ma' dan ir-rikors.

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-konvenut jghid, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensata mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Artikolu 167/170 ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(i) tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-atturi bid-dispensa tas-smigh tar-rikors *ai termini* tal-Artikoli 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(ii) tikkundanna lill-konvenut sabiex f'terminu qasir u perentorju u li jigi lilu prefiss minn din il-Qorti jikkonsenja lill-attrici c-cavetta u l-pussess battal tal-fond numru 8, Triq Guzeppi D'Arena, Ghaxaq *stante* li dawn jinsabu f'idejh bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxja l-istess immobbili bhala liberi u bil-pussess battal favur l-attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' April, 2007 u ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2007 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2007 u wara li semghet lil konvenut u lid-difensur tieghu Dr Graziella Bezzina, thoss lil-konvenut ma ippruvax li ghandu eccezzjonijiet *prima facie* x'jghati, kemm fil-fatt u fid-dritt skond id-disposizzjonijiet tal-Ligi sabiex jikkontendi l-azzjoni attrici.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tar-rikorrenti**, b'dan illi:

(ii) tikkundanna lill-konvenut sabiex f'terminu qasir u perentorju ta' sittin (60) gurnata millum jikkonsenja lill-attrici c-cavetta u l-pussess battal tal-fond numru 8, Triq Guzeppi D'Arena, Ghaxaq *stante* li dawn jinsabu f'idejh bla ebda titolu legali u konsegwentement jirrilaxxja l-istess immobbili bhala liberi u bil-pussess battal favur l-attrici.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-13 ta' April, 2007 u ta' l-ittra ufficjali tat-8 ta' Gunju, 2007 kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------